# Gwida CEN/CENELEC 17

## Gwida għall-kitba ta' standards maħsubin għall-ħtiġijiet ta' intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju (SMEs)

CEN u CENELEC iddeċidew li jadottaw din il-Gwida CEN-CENELEC 17 bis-saħħa ta' Riżoluzzjoni C046 tal-Bord Tekniku tas-CEN tal-2010-06-04 u Riżoluzzjoni D137/C059 tal-Bord Tekniku tas-CENELEC tal-2010-06-01.

---

Edition 1 / June 2010

**Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni**

**Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika**

**Avenue Marnixlaan 17**
**B – 1000 Brussels**

**Tel: +32 2 550 08 11**
**Fax: +32 2 550 08 19**

**www.cen.eu**

**Tel: +32 2 519 68 71**
**Fax: +32 2 519 69 19**

**www.cenelec.eu**

# Werrej

Daħla
.......... 4
Introduzzjoni.......... 5
1 Skop.......... 6
2 Referenzi normattivi.......... 6
3 Termini u definizzjonijiet.......... 6
4 Konsiderazzjonijiet ġenerali.......... 7
5 Kwistjonijiet li jridu jitqiesu waqt il-proċess tal-iżvilupp ta' standards .......... 7
5.1 Ġenerali..........7
5.2 Preparazzjoni ta' Suġġett ta' Xogħol Ġdid.......... 8
5.2.1 Rilevanza għas-Suq.......... 8
5.2.2 Dawk li huma involuti.......... 8
5.3 Kwistjonijiet li jridu jitqiesu waqt il-kors tal-preparazzjoni ta' standard.......... 8
5.3.1 Infiq imqabbel mal-ispiża fl-implementazzjoni ta' standards għal SMEs.......... 8
5.3.2 Aċċessibilità ta' elementi.......... 9
5.4 Żviluppar tal-kontenut ta' standard.......... 9
5.4.1 Approċċ għall-operat.......... 9
5.4.2 Introduzzjoni.......... 9
5.4.3 Skop.......... 10
5.4.4 Ittestjar.......... 10
5.4.5 Metodi ta' verifika .......... 10
5.5 Struttura u preżentazzjoni tal-kontenut .......... 11
5.5.1 Tul .......... 11
5.5.2 Struttura .......... 11
5.5.3 Preżentazzjoni u ċifri .......... 12
5.5.4 Lingwaġġ ċar .......... 12
5.5.5 Referenzi .......... 13
5.5.6 Reviżjoni .......... 13
5.6 Konsiderazzjoni finali .......... 13
5.6.1 Perjodu ta' transizzjoni.......... 13
5.6.2 Assistenza li tgħin fl-implimentazzjoni.......... 13
6 Lista Gwida għall-iċċekkjar .......... 14
Biblijografija .......... 15

# Daħla

Dan id-dokument (Gwida CEN/CLC 17) tħejja mill-Bord Tekniku CEN/CLC BT WG 208 “Gwida dwar il-ħtiġijiet ta’ SMEs”, li s-segretarjat tiegħu kien f’idejn in-Normapme.

Din il-Gwida tagħti orjentament, pariri u rakkomandazzjonijiet lil kittieba ta’ standards dwar kif għandhom iqisu l-ħtiġijiet ta’ SMEs. Dan id-dokument jindirizza l-kwistjonijiet li jridu jitqiesu waqt il-proċess tal-iżvilupp ta’ standards.

# Introduzzjoni

Intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju (SMEs) jista' jkun li ma jkunux rappreżentati biżżejjed fi gruppi li jiktbu standards u għalhekk l-interessi tagħhom jistgħu ma jitqisux biżżejjed. Barra minn hekk, l-ispejjeż tal-implimentazzjoni ta' xi standards jistgħu jkunu relattivament għoljin u, partikolarment fil-każ ta' standards diretti għal produzzjoni fi skala kbira jew tal-massa, dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu kbar wisq u kumplessi biex ikunu implimentati fil-każ ta' xi negozji żgħar.

L-iskop ta' din il-Gwida hu li jitqajjem għarfien fuq il-kwistjonijiet li jistgħu jkunu ta' importanza għal SMEs fl-iżvilupp ta' standards u biex tingħeleb il-possibilità ta' nuqqas ta' rappreżentanza tal-SMEs fix-xogħol ta' standardizzazzjoni.

L-SMEs qegħdin fil-maġġoranza tas-setturi. Kif jagħmlu l-utenti l-oħra, SMEs igawdu mill-esperjenza teknika tal-istandards li huma jista' jkun li ma jkunux ħadu sehem fit-tiswir tagħhom. Madankollu, jista' jkollhom pożizzjoni aktar dgħajfa fis-swieq tal-prodotti jew servizzi tagħhom minħabba d-dipendenza tagħhom minn kompetituri, fornituri jew klijenti akbar minnhom. Jista' wkoll ikollhom jaddattaw ruħhom għal soluzzjonijiet eżistenti fis-suq u wkoll għal Standards Ewropej. Hu għalhekk li tenħtieġ attenzjoni speċjali biex ikunu indirizzati l-interessi tal-SMEs u b'mod partikolari intrapriżi ta' daqs żgħir ħafna bħala utenti potenzjali ta' standards.

SMEs jikkonstitwixxu aktar minn 99% tal-intrapriżi fl-Ewropa. 92% tal-intrapriżi għandhom inqas minn 10 impjegati u riżorsi limitati. Bl-indirizzar tal-ħtiġijiet tagħhom, l-użu ta' standards jista' jiżdied b'mod sinifikanti.

Barra minn hekk, jekk standards jagħtu aktar kas tal-perspettiva tal-SMEs, jiżdiedu benefiċċji konsiderevoli lil dawk kollha involuti fl-istandardizzazzjoni.

# 1 Skop

Din il-Gwida tipprovdi gwida lil kittieba ta' Standards Ewropej dwar il-ħtiġijiet ta' intrapriżi ta' daqs żgħir ħafna, żgħir u medju (SMEs) biex jevitaw l-esklużjoni tal-SMEs mis-suq u t-tagħwiġ ta' kompetizzjoni ġusta.

Din il-Gwida hija rilevanti għal kull min hu involut fl-istandardizzazzjoni, jiġifieri kittieba ta' standards f'Working Groups jew Kumitati Tekniċi u wkoll membri ta' kumitati li jsegwu kumitati techniċi ewropej. Mhux il-prinċipji kollha ppreżentati f'din il-Gwida għandhom neċessarjament japplikaw għall-istandards kollha. Għalhekk, TCs u WGs huma l-aħjar postijiet fejn wieħed jista' jevalwa jekk għandux jindirizza ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs u kif għandu jagħmel dan.

Din il-Gwida fiha:

a) Konsiderazzjonijiet għall-iżvilupp ta' standards li huma l-aktar addattati għall-ħtiġijiet tal-SMEs;

b) Tekniki biex ikunu identifikati u valutati provvedimenti fi standards li jistgħu jolqtu b'mod speċjali lil SMEs;

c) Modi kif jitnaqqsu impatti negattivi fuq SMEs li jirriżultaw minn xi provvedimenti fi standards;

d) Linji gwida għall-kitba ta' standards li jinftiehmu malajr minn SMEs;

e) Lista għall-iċċekkjar tal-Gwida;

f) Informazzjoni fuq kif toħloq impatt ta' standards ġodda fuq intrapriża żgħira ħafna.

NOTA: F'din il-Gwida "standard" jinkludi dak kollu li jingħata minn CEN/CENELEC.

# 2 Referenzi normattivi

Id-dokumenti li ġejjin u li ssir referenza għalihom huma indispensabbli għall-applikazzjoni ta' dan id-dokument. Fil-każ ta' referenzi datati, tapplika biss l-edizzjoni ċċitata. Fil-każ ta' dokumenti li ma jġibux data, tapplika l-aħħar edizzjoni tad-dokument li għalih issir referenza (inklużi emendi li setgħu sarulu).

*Regolamenti Interni CEN/CENELEC – Parti 3: Regoli għall-istrutturar u abbozzar ta' pubblikazzjonijiet tas-CEN/CENELEC*

*Pubblikazzjonijiet (Direttivi ISO/IEC – Parti 2, modifikata)* – verżjoni korretta 2009-08

# 3 Termini u definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din il-Gwida għandhom japplikaw it-termini u definizzjonijiet li ġejjin.

NOTA F'din il-Gwida t-terminu "intrapriżi żgħar u ta' daqs medju" (SMEs) jintuża għal intrapriżi żgħar ħafna, żgħar u ta' daqs medju kif definiti mill-EU u wkoll għal persuni li jaħdmu għal rashom.

**3.1**

**Intrapriżi żgħar ħafna, żgħar u ta' daqs medju**

**SMEs**

intrapriżi li jimpjegaw inqas minn 250 persuna u li jdawru mhux aktar minn 50 miljun ewro fis-sena, u/jew il-karta bilanċjali annwali totali tagħhom ma taqbiżx it-43 miljun ewro

[2003/361/KE: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2003) 1422]

**3.2**

**intrapriża żgħira**

intrapriża li timpjega inqas minn 50 persuna u li ddawwar kull sena u/jew li l-karta bilanċjali annwali totali tagħha ma taqbiżx l-10 miljun ewro

[2003/361/KE: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2003) 1422]

**3.3**

**mikrointrapriża**

intrapriża li timpjega inqas minn 10 persuni u li ddawwar kull sena u/jew li l-karta bilanċjali annwali totali tagħha ma taqbiżx iż-2 miljun ewro

[2003/361/EC: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2003) 1422]

**3.4**

**kittieb ta' standard**

persuna li tieħu sehem fl-iżvilupp ta' standards

**3.5**

**Gwida**

dokument ippubblikat mis-CEN jew CENELEC li jagħti regoli, orjentament, parir jew rakkomandazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' standardizzazzjoni Ewropea

## 4 Konsiderazzjonijiet ġenerali

Kittieba ta' standards għandhom jiżguraw li standards jinftiehmu minn dawk li mistennija li jaqrawhom. Ir-realtajiet ta' dawk li jużaw l-standards jistgħu jiddifferixxu skont l-użu, is-settur u x-xorta ta' standard.

SMEs għandhom mudelli ta' negozju li jixtiebhu iżda xi drabi differenti ħafna wkoll minn gruppi ta' standards potenzjalment milqutin. Minħabba l-fatt li SMEs huma preżenti fi kważi s-setturi kollha, teħtieġ attenzjoni speċjali biex wieħed jindirizza l-interessi tal-SMEs u b'mod partikolari mikrointrapriżi bħala utenti potenzjali ta' standards. Ngħidu aħna, għandu jkun osservat li konsulenti, nies li jiċċertifikaw, laboratorji ta' ċċekkjar jew riċerka, jista' jkollhom interessi diverġenti minn intrapriżi involuti fil-manifattura jew distribuzzjoni ta' prodotti jew servizzi speċifiċi. Għaldaqstant, l-interessi ta' kull wieħed minn dawk involuti jeħtieġ li jitqiesu b'attenzjoni.

## 5 Kwistjonijiet li jridu jitqiesu waqt il-proċess tal-iżvilupp ta' standards

### 5.1 Ġenerali

Hawn taħt hawn ippreżentati diversi aspetti ta' standardizzazzjoni ta' importanza speċifika għal SMEs. Din m'hix lista li tkopri kollox u tista' tirtifed bi prinċipji aktar ġenerali jew speċifiċi rilevanti għall-ħtiġijiet ta' utenti ta' standards kif imniżżel f'dokumenti oħra (e.g. Gwida IFAN 3: 2008, *Linji Gwida biex jgħinu membri ta' kumitati ta' standards biex iħejju Standards Ewropej orjentati għal min se jużahom*).

Billi SMEs, u aktar u aktar intrapriżi żgħar ħafna, f'ħafna każijiet isibuha diffiċli biex jikkontribwixxu direttament għall-proċess, konsultazzjonijiet fuq il-ħtiġijiet u/jew l-interessi tal-

SMEs għandhom, bħala prijorità, isiru permezz tal-assoċjazjonijiet u/jew assoċjazzjonijiet settorjali tagħhom.

## 5.2 Preparazzjoni ta' Suġġett ta' Xogħol Ġdid

### 5.2.1 Rilevanza għas-suq

| **Iċċekkja r-rilevanza tal-istandard għal SMEs Ewropej.** |
|---|

Qabel ma jipproponi suġġett għal xogħol ġdid, il-proponent għandu jivvaluta l-ħtieġa ta' Standard Ewropew. Dawk kollha li jistgħu jkunu involuti għandhom ikunu konsultati biex titqies il-ħtieġa jew interess tagħhom fi standard li jista' jiġi propost.

Fil-każ ta' suġġett għal xogħol ġdid il-ħtiġijiet tas-suq għandhom ikunu speċifikati b'mod ċar li jirrifletti wkoll ir-rilevanza għall-SMEs. Fil-każ tas-CEN ara l-formoli CEN A u N rispettivament. Fil-każ tas-CLC fit-talba TC għal BT biex jinbeda xogħol ġdid (Proposta ta' Suġġett għal Xogħol Ġdid).

Hu importanti li Standards Ewropej ikunu rilevanti għas-suq u jirriflettu l-ħtiġijiet ta' dawk kollha involuti, inklużi SMEs. Hu importanti li l-istandardizzazzjoni Ewropea ta' suġġett partikolari tkun meħtieġa u ta' benefiċċju għall-maġġoranza ta' intrapriżi li jistgħu jkunu milqutin mill-istandard.

### 5.2.2 L-involuti

| **Iċċekkja jekk hemmx ħtiġijiet speċjali għal SMEs fost dawk involuti.** |
|---|

Fil-kors tal-preparazzjoni ta' suġġett għal xogħol ġdid, kull xorta ta' involuti għandhom ikunu identifikati u konsultati biex anke SMEs jew ir-rappreżentanti tagħhom jingħataw l-opportunità li jkunu involuti fix-xogħol tal-istandardizzazzjoni.

Ħtiġijiet partikolari ta' SMEs għandhom jitqiesu fil-proċess ta' żvilupp u abbozzar, u wkoll tal-ħtiġijiet tal-gruppi kollha li għalihom ikunu japplika l-istandard meta jitlesta.

.

## 5.3 Kwistjonijiet li jridu jitqiesu fil-kors tal-preparazzjoni ta' standard

### 5.3.1 Implimentazzjoni ta' valur imqabbel mal-ispejjeż fil-każ tal-istandards għall-SMEs.

**Qis l-ispejjeż tal-investiment u t-taħriġ meħtiġin għall-implimentazzjoni ta' standard.**

In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-istandard għandha titqies qabel jiddaħħlu provvedimenti jew rekwiżiti li l-ispejjeż biex isiru mhux dejjem jistgħu jħallu valur akbar min-nefqa fis-sitwazzjonijiet kollha. Meta tqis li n-numru medju ta' impjegati f'intrapriżi Ewropej hu sitta, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil intrapriżi ta' daqs żgħir ħafna.

- Konsegwenzi ta' bidliet fit-teknoloġija,
- Spejjeż biex jinxtara tagħmir ġdid,
- Spejjeż ta' taħriġ,
- Spejjeż ta' ttestjar,
- Spejjeż għall-kiri ta' konsulenti.

Kittieba ta' standards għandhom dejjem iqisu jekk ir-rekwiżiti jistgħux ikunu sodisfatti mingħajr ma jdaħħlu restrizzjonijiet mhux proporzjonati u/jew mhux neċessarji fuq SMEs. Ebda standard m'għandu jdaħħal xi xkiel għall-promozzjoni ta' innovazzjoni fi prodotti, servizzi jew proċessi.

Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni għal sitwazzjonijiet li jinvolvu volum iċken ta' produzzjoni jew attivitajiet. Standards m'għandhomx ifixklu l-flessibilità u l-versatilità li spiss jikkaratterizzaw il-mudelli ta' negozju ta' SMEs.

### 5.3.2 Aċċessibilità ta' elementi

| **Qis l-aċċessibilità ta' elementi meħtieġa.** |
|---|

Standards għandhom dejjem jirriflettu l-aktar żviluppi reċenti (ara *Regolamenti Interni tas-CEN/CENELEC,- Parti 3*). Iżda l-elementi kollha meħtieġa biex ikun sodisfatt ċertu rekwiżit għandhom ikunu aċċessibbli fis-suq bħal, pereżempju, fir-rigward ta' teknoloġija, prodotti, tagħmir ta' ttestjar, laboratorji għal testijiet, IPR, eċċ. Hekk, is-sitwazzjoni tal-provvista jeħtieġ tkun verifikata waqt li jkun qed jiġi prodott standard ġdid jew ikun qed jiġi rivedut xi standard. Dawn il-konsiderazzjonijiet għandhom jinkludu l-aċċessibilità fis-swieq nazzjonali li huma aktar importanti għal intrapriżi ta' daqs żgħir ħafna u għal intrapriżi żgħar.

## 5.4 L-iżviluppar tal-kontenut ta' standard

### 5.4.1 Approċċ skont l-operat

| **Tejjeb il-fehim u l-użu tal-istandard billi żżid eżempji u spjegazzjonijiet.** |
|---|

Fir-rigward tal-approċċ skont l-operat, "kull meta possibbli, rekwiżiti għandhom ikunu espressi f'termini ta' operat aktar milli f'termini ta' karatteristiċi ta' disinn jew deskrittivi. Dan l-approċċ jippermetti libertà massima għal żvilupp tekniku. Primarjament għandhom jiddaħħlu dawk il-karatteristiċi li huma addattati biex ikunu aċċettati fuq skala dinjija (universali). Meta hu meħtieġ, minħabba differenzi fil-leġiżlazzjoni, klima, ambjent, ekonomiji, kondizzjonijiet soċjali, mudelli ta' negozju, eċċ., jistgħu jkunu indikati diversi għażliet" (sentenza ta' referenza minn *Regolamenti Interni*, 4.2).

L-approċċ skont l-operat jagħtu lill-intrapriżi flessibilità u spazju għal innovazjoni. Standards għandhom ukoll ikollhom il-funzjoni ta' trasferiment ta' għarfien bażiku. Madankollu, l-approċċ skont l-operat xi drabi jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn eżempji u spjegazzjonijiet biex l-istandard jinftiehem u jkun implimentat faċilment minn intrapriżi żgħar u minn intrapriżi ta' daqs żgħir ħafna.

Dan jista' jsir b'mod informattiv, ngħidu aħna permezz ta' testi, illustrazzjonijiet, grafs jew tabelli li jiffukaw fuq metodi sempliċi ta' implimentazzjoni.

Informazzjoni ta' din ix-xorta għandha tħaffef u tifrex aktar l-implimentazzjoni ta' standards minn intrapriżi żgħar u minn intrapriżi ta' daqs żgħir ħafna li jista' jkollhom diffikultajiet biex jibdlu rekwiżiti purament ta' operat f'soluzzjonijiet prattiċi (*Regolamenti Interni CEN/CENELEC│ Parti 3*).

### 5.4.2 Introduzzjoni

| **Agħti introduzzjoni b'informazzjoni li sservi ta' għajnuna.** |
|---|

L-informazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal fl-introduzzjoni u jekk ikun hemm sommarju din għandha tkun ripetuta fis-sommarju.

Kull standard għandu jkollu spjegazzjonijiet tar-raġunijiet għaliex sar u/jew il-motivazzjoni ta' kull modifika jew reviżjoni.

Ix-xorta ta' negozju u/jew attività koperti mill-istandard għandhom ikunu speċifikati.

Jekk l-istandard jista' jkun applikabbli għal medda wiesgħa ta' prodotti jew servizzi, dawn għandhom jissemmew fl-iskop, sakemm dan ikun possibbli.

SMEs mhux dejjem ikunu jafu liema standards japplikaw għan-negozju tagħhom; għalhekk id-dokument għandu jsemmi sa fejn hu possibbli l-gruppi li hu maħsub għalihom, speċjalment fir-rigward tal-SMEs.

### 5.4.3 Skop

**Agħmel standards preċiżi u kompleti fl-ambitu tal-iskop tagħhom.**

Kittieba ta' standards jeħtieġ janalizzaw is-swieq rilevanti u jivverifikaw jekk kategoriji ta' prodotti oħrajn jistgħux jaqgħu taħt l-iskop ta' standard speċifiku. Standards għandu jkollhom skopijiet definiti ċari u, fil-limiti tagħhom, għandhom ikunu kemm jista' jkun komprensivi. Dan ifisser li standard m'għandux ikopri kwistjonijiet li m'humiex definiti b'mod ċar fl-iskop tiegħu iżda għandu jittratta l-aspetti kollha tas-suġġetti li jaqgħu fl-iskop tal-istandard.

SMEs spiss huma speċjalizzati f'medda dejqa ta' prodotti u servizzi. L-iskop jeħtieġ li jkun definit b'mod li juri ċar liema prodotti u servizzi huma koperti.

### 5.4.4 Ittestjar

**Evita l-impożizzjoni ta' reġimi ta' ttestjar li jqumu ħafna u jkunu komplessi, u kkunsidra l-frekwenza tal-ittestjar.**

It-testijiet meħtieġa għall-konformità ma' standards spiss joħolqu piż finanzjarju sinifikanti fuq manufatturi żgħar. Dan jinkludi l-ispejjeż ta' tagħmir li jkejjel, taħriġ ta' impjegati, ħin u riżorsi meħtieġa biex isiru t-testijiet. Intrapriżi żgħar ġeneralment ma jipproduċux fuq skala tal-massa u l-prodotti tagħhom jista' jkollhom karatteristiċi speċifiċi. L-impożizzjoni ta' numru kbir ta' testijiet tgħolli b'mod sinifikanti l-prezz tal-prodotti tagħhom.

Għandu jkun osservat li standards m'għandhomx idaħħlu testjiet bla bżonn. Jiġifieri, għandu jkun preżunt li fil-każ ta' dubju bbażat fuq l-adegwatezza u n-neċessità ta' metodu ta' ttestjar partikolari, dan il-metodu m'għandux jiżdied mar-reġim eżistenti ta' ttestjar.

Il-kittieba ta' standards għandhom jiċċekkjaw min jista' jagħmel test partikolari, u kemm jista' jkun għandhom jevitaw milli jiffavorixxu test li jwassal għal pożizzjonijiet monopolistiċi jew dominanti, jew isaħħaħhom.

### 5.4.5 Metodi ta' verifika

**Identifika metodi sempliċi u li jagħtu valur għal dak li jintefaq fir-rigward tal-verifika ta' konformità mar-rekwiżiti.**

Biex ikun hemm flessibilità fil-verifika ta' rekwiżiti, metodi alternattivi inklużi kalkoli u metodi tabulari għall-verifika għall-valutazzjoni għandhom jintużaw kull meta dan hu possibbli.

Barra minn hekk, kittieba ta' standards jeħtieġ jiżguraw li r-riżultati tat-testijiet deskritti fi standards ma jkunux ambigwi. Hu vitali fil-każ ta' manifatturi żgħar li standards jirreferu għal metodi li ma jistgħux ikunu mminati minn partijiet li jkollhom interessi parzjali.

## 5.5 Struttura u preżentazzjoni tal-kontenut

### 5.5.1 Tul

**Standards għandhom ikunu qosra skont it-tul meħtieġ.**




Jekk standard itendi biex ikun voluminuż wisq, ipprova aqsmu f'partijiet biex ikun hemm medda aktar dejqa ta' prodotti, proċessi jew servizzi.

Fil-każ ta' standard itwal, il-kittieba għandhom iqisu jekk ikunx aktar siewi li jinqasam f'numru ta' standards iqsar aktar speċifiċi għal medda idjaq ta' prodotti, proċessi jew servizzi. F'dan il-każ, il-kittieb tal-istandard għandu jiżgura li tingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tgħin ħalli l-istandard jinftiehem aħjar u li referenzi għal partijiet oħrajn tal-istandard ikunu evitati jekk ma jkunux limitati. Alternattivament, struttura ċara ħafna tal-istandard (klawsoli, subklawsoli u annessi għall-aspetti tekniċi speċifiċi) tista' tħaffef il-qari u l-fehim.

It-tul ta' standard jista' jiddependi mill-iskop tiegħu u mis-suġġett li jittratta. Madankollu, standards twal jistgħu jiskoraġġixxu utenti potenzjali milli jaqrawhom, l-aktar jekk ikun diffiċli li wieħed isib l-informazzjoni rilevanti. Paragrafi u listi twal jistgħu jimpedixxu fehim tal-provvedimenti importanti.

### 5.5.2 Struttura

**Standards għandhom ikunu kemm jista' jkun ċari, loġiċi u faċli biex issegwihom.**

Standards għandhom jinkitbu b'mod li jinqraw faċilment minn dawk li jitqiesu li għandhom jaqrawhom. Għaldaqsant, meta jkun qed jinkiteb standard, il-gruppi li għalihom jinkiteb jeħtieġ ikunu identifikati biex l-istandard ikun addattat għall-ħtiġijiet tal-utenti potenzjali tiegħu.

B'konsegwenza ta' dan, standards għandhom jitfasslu b'mod li jiġbed lill-utent. Provvedimenti importanti għandhom ikunu riżaltati u spjegati kemm jista' jkun, iżda fl-istess ħin dawn il-partijiet

spjegattivi m'għandhomx jikkomplikaw l-istruttura tad-dokument. Il-format tat-test għandu jkun adattat, safejn hu possibbli, għall-iskop tal-istandard u għall-ħtiġijiet tal-udjenza li jrid jilħaq.

Ħafna intraprendituri minn negozji żgħar jista' jkun li ma jkollhomx il-ħin jew ir-riżorsi biex jistudjaw l-istandard bir-reqqa. Jeħtieġ li jkunu jistgħu jsibu faċilment l-informazzjoni rilevanti għalihom. Jekk il-parti operattiva tal-istandards issir aktar ċara, intrapriżi żgħar jistgħu jkunu inkoraġġiti jużawhom aktar spiss.

### 5.5.3 Preżentazzjoni u ċifri

**Kull meta jkun possibbli, inkludi bħala għajnuna ċarts, grafs, tpinġijiet u eżempji rappreżentattivi ta' kif tapplika.**

Kittieba ta' standards għandhom jiktbu b'mod li l-istandards ikunu kemm jista' jkun ħfief biex jinqraw u jinftiehmu. Ċarts, grafs, tpinġijiet u eżempji biex jiċċaraw kif ikunu applikati jistgħu jħaffu b'mod sinifikanti l-fehim ta' standard. L-eżempji jistgħu jkunu parti mit-test prinċipali jew jiżdiedu f'anness. Madankollu, filwaqt li jingħataw eżempji, dikjarazzjonijiet favur xi prodott jew servizz partikolari għandhom ikunu evitati.

### 5.5.4 Lingwaġġ ċar

**Uża lingwaġġ sempliċi biex jinftiehem minn dawk kollha li mistennija jużaw l-istandard, u mhux biss minn esperti.**

Utenti tal-istandard li għandhom kwalifiki, għarfien u edukazzjoni differenti għandhom ikunu kapaċi jifhmu l-partijiet tal-istandard rilevanti għalihom. Mqar jekk standards huma diretti għal nies li għandhom għarfien ta' prodotti, proċessi jew servizzi speċifiċi, xorta waħda jridu jinkitbu b'lingwaġġ sempliċi u ċar biex ikunu jinftiehmu minn utenti ta' standards li ma jkunux involuti direttament fil-preparazzjoni tagħhom. Standards għandhom ikunu tajbin biex jinqraw faċilment minn min jużahom. SMEs għandhom jingħataw attenzjoni partikolari bħala utenti potenzjali, u għalhekk il-lingwaġġ għandu jkun addattat għall-mod kif huma jiffunzjonaw jekk jikkostitwixxu l-grupp ewlieni li għalih l-istandard ikun dirett. Għandha tingħata attenzjoni biex fil-qlib ta' standards għal lingwi nazzjonali jintuża lingwaġġ sempliċi.

Barra minn hekk, l-abbrevjazzjonijiet u akronimi kollha għandhom jitfissru dejjem, u jekk xi kliem jidhru kkomplikati jew ambigwi hu rrikkmandat li jkunu definiti fil-kap fuq it-terminoloġija.

**KAXXA GĦAJNUNA Lingwaġġ**

Il-kittieb għandu juża stil li hu ċar, dirett u mhux ambigwu. Ngħidu aħna,

- uża l-verbi fil-forma attiva aktar milli f'dik passiva;
- uża kliem sempliċi, mimli tifsir u li jinftiehem;
- kun assertiv billi tuża espressjonijiet ta' kmand aktar milli forom aktar dgħajfin;
- uża verbi ta' azzjoni aktar milli nomi astratti;
- tkellem direttament lill-utenti aktar milli tgħid x'jistgħu jagħmlu;
- uża listi meta dan hu adattat;
- iddefinixxi termini tekniċi u abbrevjazzjonijiet l-ewwel darba li jintużaw;
- uża termini b'mod konsistenti tul it-test kollu.

### 5.5.5 Referenzi

| |
|---|
| **Naqqas il-ħtieġa li wieħed ikollu jakkwista standards li ssir referenza għalihom.** |

Biex tiżdied l-operabilità tagħhom, irrepeti siltiet qosra minn standards oħrajn flok tirreferi għalihom biss. F'każijiet ta' riproduzzjoni ta' testi, referenza għal minn fejn ittieħdu dejjem għandha tkun indikata ċar.

Id-dokumenti normattivi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-istandard għandhom ikunu aċċessibbli pubblikament meta l-istandard ikun ippubblikat.

Referenzi normattivi fi standards huwa siewja għaliex jevitaw id-duplikazzjoni ta' xogħol u jippermettu li tinżamm konsistenza meta xi wieħed mill-istandards jkun rivedut. Iżda għadd kbir ta' referenzi jagħmel l-operabilità ta' standards aktar kumplessa.

### 5.5.6 Reviżjoni

| |
|---|
| **Żgura ruħek li informazzjoni ċara fuq il-bidliet magħmulin lill-verżjoni ta' qabel tingħata fl-istandards kemm ġodda u kemm riveduti.** |

Bidliet tekniċi sinifikanti għandhom ikunu speċifikati u r-raġunijiet għaliex standard ikun ġie rivedut għandhom jingħataw fid-Daħla. Skont ir-*Regolamenti Interni CEN/CENELEC* | *Parti 3:* 6.1.3, "Il-parti speċifika (…) għandha tagħti dikjarazzjoni ta' bidliet tekniċi sinifikanti minn edizzjoni ta' qabel." Din id-dikjarazzjoni għandha tidher fid-Daħla.

Dan hu partikolarment importanti għall-implimentazzjoni ta' standards minn SMEs billi intrapriżi żgħar m'għandhomx il-ħin jew ir-riżorsi biex jistudjawfid-dettall edizzjonijet ġodda ta' standards.

## 5.6 Reviżjoni tal-aħħar

### 5.6.1 Perjodu ta' transizzjoni

| |
|---|
| **Qis l-implikazzjonijiet ta' bidliet li jirriżultaw minn standards ġodda u riveduti, u ffissa l-perjodu ta' transizzjoni skont dan il-qies.** |

L-ammont u l-komplessità ta' modifiki tekniċi għandhom ikunu riflessi fl-estensjonijiet tal-perjodi ta' transazzjoni. Kull perjodu ta' transizzjoni għandu jqis il-ħtiġijiet ta' implimentazzjoni tal-SMEs. Fil-każ tas-CEN, ara Dokument Gwida CEN – *Data ta' rtirar*. Fil-każ tas-CLC, id-data ta' rtirar tifforma parti mill-proċedura ta' approvazzjoni formali mill-BT.

Fil-każ li Standard Ewropew idaħħal rekwiżit jew soluzzjoni ġodda għalkollox f'xi pajjiżi, il-perjodu ta' koeżistenza għandu jittawwal b'mod sinifikanti. Għandha titqies il-ħtieġa tax-xiri ta' tagħmir ġdid, ta' bidla fl-organizzazzjoni tax-xogħol, u tat-taħriġ tal-impjegati. Hu speċjalment diffiċli u għali ħafna għal intrapriżi żgħar biex jibdlu l-mudell tan-negozju tagħhom, l-aktar jekk qabel kien qed jiffunzjona tajjeb. Għaldaqstant jeħtieġu għajnuna u jridu jiżnu kemm jaqblihom jibqgħu fis-suq. Iżda dan jista' jitlob perjodu estiż ta' koeżistenza.

### 5.6.2 Assistenza biex tgħin l-implimentazzjoni

| |
|---|
| **Investiga jekk l-assistenza fl-implimentazzjoni hix meħtieġa fil-każ ta' standards li ma jistgħux ikunu simplifikati.** |

F'xi oqsma ta' standardizzazzjoni kumplessi, l-aktar fl-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni kumplessa, jista' jkun diffiċli tissimplifika standards. F'każijiet ta' din ix-xorta, kittieba ta' standards għandhom jesprimu l-opinjoni tagħhom fuq il-ħtieġa ta' assistenza li tgħin lill-SMEs jimplimentaw standards, ngħidu aħna manwal ta' implimentazzjoni.

Kkittieba ta' standards jistgħu jieħdu sehem fil-ħolqien ta' gwida ta' implimentazzjoni addizzjonali, iżda l-funzjoni ewlenija tagħhom hi li jiżguraw li l-istandards ikunu applikabbli faċilment kemm jista' jkun. Intenzjoni li tkun prodotta assistenza għall-implimentazzjoni m'għandhiex tintuża bħala ġustifikazzjoni biex ikunu żviluppati standards kumpless.

## 6 Lista għall-iċċekkjar tal-Gwida

It-tabella t'hawn taħt tippreżenta r-rakkomandazzjonijiet ta' din il-Gwida f'form ta' lista għall-iċċekkjar. Kittieba ta' standards jistgħu jsibu t-tabella siewja biex jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-SMEs tqiesu waqt l-abbozzar ta' standard ġdid jew ir-reviżjoni ta' wieħed eżistenti. It-tabella tinqara mix-xellug għal-lemin.

Il-mistoqsijiet li għandhom balla quddiemhom huma spjegati bid-detall fit-taqsimiet korrispondenti ta' Klawsola 5 ta' din il-Gwida.

**Lista ta' ċċekkjar tal-Gwida**

| Preparazzjoni tas-Suġġett ta' Xogħol Ġdid | Preparazzjoni ta' standard | Żvilupp tal-kontenut | Struttura u preżentazzjoni tal-kontenut | Reviżjoni tal-aħħar |
|---|---|---|---|---|
| □ (5.2.1) Iċċekkjajt ir-rilevanza tal-istandard għall-SMEs?<br>□ (5.2.2) Iċċekkjajt fost dawk kollha involuti jekk hemmx ħtiġijiet speċjali għall-SMEs?<br>□ (5.2.2) Evalwajt jekk l-SMEs humiex fost il-gruppi mmirati? | □ (5.3.1) Evalwajt l-ispejjeż tat-investiment (teknoloġija, tagħmir, ittestjar)?<br>□ (5.3.1) Evalwajt in-nefqa għat-taħriġ (impjegati)?<br>□ (5.3.1) Evalwajt l-ispejjeż tal-implimentazzjoni?<br>□ (5.3.2) Ivverifikajt jekk l-elementi kollha humiex aċċessibbli? | □ (5.4.1) Jekk jintuża l-approċċ ta' operabilità, jinftiehem?<br>□ (5.4.2) Użajt spjegazzjonijiet deskrittivi?<br>□ (5.4.3) L-istandard hu preċiż u komplet fl-ambitu tal-iskop tiegħu?<br>□ (5.4.4) Evitajt reġimi ta' ttestjar stretti?<br>□ (5.4.4) Evalwajt in-nefqa tal-ittestjar?<br>□ (5.4.5) Identifikajt modi sempliċi u li jagħtuk il-valur għan-nefqa lit kun għamilt biex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti? | □ (5.5.1) L-istandard hu qasir kemm jista' jkun?<br>□ (5.5.1) Jekk l-istandard hu twil, qist il-possibilità li taqsmu fi standards iqsar?<br>□ (5.5.2) L-istruttura tal-istandard faċli ssegwiha?<br>□ (5.5.3) Daħħalt grafs, ċarts, eċċ. (meta possibbli) li jkunu ta' għajnuna?<br>□ (5.5.4) Użajt lingwaġġ ċar u li jinftiehem minn dawk kollha mistennija li jużaw l-istandard?<br>□ (5.5.5) Naqqast kemm jista' jkun l-għadd ta' standards li ssir referenza għalihom?<br>□ (5.5.6) Tajt informazzjoni ċara fuq il-bidliet minn verżjonijiet ta' qabel tal-istandard? | □ (5.6.1) Issuġġerejt perjodu ta' transizzjoni li jirrifletti l-implikazzjonijiet tal-bidliet?<br>□ (5.6.2) Evalwajt il-ħtieġa ta' implimentazzjoni manwali? |

# Bibliografija

[1] 2003/361/KE: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi ta' intrapriżi ta' daqs żgħir ħafna, intrapriżi żgħar u intrapriżi ta' daqs medju (Test b'rilevanza għall-EEA) (notifikat taħt dokument numru C(2003)1422), OJ L 124, 20.5.2003, pp. 36–41, aċċessibbli minnhttp://eurlex.europa.eu/Notice.do?val=284986:cs&lang=en&list=284986:cs,284128:cs,&pos=1&page=1&nbl=2&pgs=10&hwords=&checktexte=checkbox&visu=#texte

[2] Gwida IFAN 3:2008, *Linji gwida biex jgħinu membri ta' kumitati ta' standards fil-preparazzjoni ta' Standards Ewropej orjentati għall-utenti*, L-ewwel edizzjoni, 2008-04, aċċessibbli minnhttp://www.ifan.org/ifanportal/livelink/fetch/2000/2035/36282/394607/publications/IFAN_Gwida3-2008.pdf

[3] Dokument Gwida CEN - *Data of rtirar*, Verżjoni 2, Marzu 2010, aċċessibbli minnhttp://www.cen.eu/boss/supporting/Guidance%20documents/dow/Pages/default.aspx